# KONVENZJONI

## dwar l-Eliminazzjoni Tat-Taxxa Doppja in Konnessjoni ma' l-Aġġustament tal-Qligħ ta' Intrapriżi Assoċjati

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA GĦAT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

XEWQANA li jagħtu effett lill-Artikolu 220 ta' dak it-Trattat, li bis-saħħa tiegħu mpenjaw ruħhom li jidħlu f'negozjati ma' xulxin bil-ħsieb li jiżguraw għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħhom l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja,

B'KONSIDERAZZJONI għall-importanza marbuta ma' l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni ma' l-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati,

IDDEĊIDEW li jikkonkludu din il-Konvenzjoni, u għal dan il-għan għażlu bħala l-Plenipotenzjarji tagħhom:

IL-MAESTÀ TIEGĦU R-RE TAL-BELĠJANI:

Philippe de SCHOUTHEETE de TERVARENT,
Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju;

IL-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TAD-DANIMARKA:

Niels HELVEG PETERSEN,
Ministru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi;

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA:

Theo WAIGEL,
Ministru Federali tal-Finanzi;

Jürgen TRUMPF,
Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju;

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA ELLENIKA:

Ioannis PALAIOKRASSAS,
Ministru tal-Finanzi;

IL-MAESTÀ TIEGĦU R-RE TA' SPANJA:

Carlos SOLCHAGA CATALÁN,
Ministru ta' l-Affarjiet Ekonomiċi u l-Finanzi;

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA:

Jean VIDAL,
Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju;

IL-PRESIDENT TA' L-IRLANDA:

Albert REYNOLDS,
Ministru tal-Finanzi;

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TALJANA:

Stefano DE LUCA,
Segretarju ta' l-Istat għall-Finanzi;

L-ALTEZZA RJALI TIEGĦU L-GRAN DUKA TAL-LUSSEMBURGU:

Jean-Claude JUNCKER,
Ministru għall-Budget, Ministru tal-Finanzi, Ministru tax-Xogħol,

IL-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TA' L-OLANDA:

P.C. NIEMAN,
Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju;

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA:

Miguel BELEZA,
Ministru tal-Finanzi;

IL-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITANNJA U L-IRLANDA TA' FUQ:

David H.A. HANNAY KCMG,
Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju;

LI, f'laqgħa fil-Kunsill u wara li skambjaw il-Pjeni Poteri tagħhom, debitament validi fil-forma,

QABLU KIF ĠEJ:

KAPITOLU I

**FIRXA TA' APPLIKAZZJONI TAL-KONVENZJONI**

*Artikolu 1*

1. Din il-Konvenzjoni għandha tapplika fejn, għall-finijiet ta' taxxa, qligħ li huwa inkluż fil-qligħ ta' intrapriża ta' Stat Kontraenti huma wkoll inklużi jew probabbli jiġu inklużi wkoll fil-qligħ ta' intrapriża ta' Stat Kontraenti ieħor fuq il-bażi li l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 4 u applikati direttament jew f'dispożizzjonijiet korrispondenti tal-liġi ta' l-Istat konċernat ma ġewx osservati.

2. Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, l-istabbiliment permanenti ta' intrapriża ta' Stat Kontraenti li tinsab fi Stat Kontraenti ieħor għandha titqies li hi intrapriża ta' l-Istat li tinsab fih.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll fejn xi waħda mill-intrapriżi konċernati għamlu telf minflok qligħ.

*Artikolu 2*

1. Din il-Konvenzjoni għandha tapplika għal taxxi fuq id-dħul.

2. It-taxxi eżistenti li għalihom għandha tapplika din il-Konvenzjoni huma, b'mod partikolari dawn li ġejjin:

(a) fil-Belġju:

— impôt des personnes physiques/personenbelasting,

— impôt des sociétés/vennootschapsbelasting,

— impôt des personnes morales/rechtspersonenbelasting,

— impôt des non-résidents/belasting der niet-verblijfhouders,

— taxe communale et la taxe d'agglomération additionnelles à l'impôt des personnes physiques/aanvullende gemeentebelasting en agglomeratiebelasting op de personenbelasting;

(b) fid-Danimarka:

— selskabsskat,

— indkomstskat til staten,

— kommunale indkomstskat,

— amtskommunal indkomstskat,

— særlig indkomstskat,

— kirkeskat,

— udbytteskat,

— renteskat,

— royaltyskat,

— frigørelsesafgift;

(ċ) fil-Ġermanja:

— Einkommensteuer,

— Körperschaftsteuer,

— Gewerbesteuer, safejn din it-taxxa hija bbażata fuq qligħ min-negozju;

(d) fil-Greċja:

— Φόρος εισοδήματος φυσικών προσώπων,

— Φόρος εισοδήματος νομικών προσώπων

— εισφορά υπέρ των επιχειρήσεων ύδρευσης και αποχέτευσης,

(e) fi Spanja:

— impuesto sobre la renta de las personas fisicas,

— impuesto sobre sociedades;

(f) fi Franza:

— impôt sur le revenu,

— impôt sur les sociétés;

(g) fl-Irlanda:

— Income Tax,

— Corporation Tax;

(h) fl-Italja:

— imposta sul reddito delle persone fisiche,

— imposta sul reddito delle persone giuridiche,

— imposta locale sui redditi;

(i) fil-Lussemburgu:

— impôt sur le revenu des personnes physiques,

— impôt sur le revenu des collectivités,

— impôt commercial, safejn din it-taxxa hija bbażata fuq qligħ min-negozju;

(j) fl-Olanda:

— inkomstenbelasting,

— vennootschapsbelasting;

(k) fil-Portugall:

— imposto sobre o rendimento das pessoas singulares,

— imposto sobre o rendimento das pessoas colectivas,

— derrama para os municípios sobre o imposto sobre o rendimento das pessoas colectivas;

(l) fir-Renju Unit:

— Income Tax,

— Corporation Tax.

3. Il-Konvenzjoni għandha tapplika wkoll għal kwalunkwe taxxi identiċi jew simili li huma mposti wara d-data tal-firma tagħha flimkien ma', jew minflok taxxi eżistenti. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jinformaw lil xulxin bi kwalunkwe tibdiliet magħmula fil-liġijiet domestiċi rispettivi.

KAPITOLU II

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

Taqsima I

**Definizzjonijiet**

*Artikolu 3*

1. Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni: "awtorità kompetenti" għandha tfisser:

| | |
|---|---|
| — fil-Belġju: | De Minister van Financiën jew rappreżentant awtorizzat,<br>Le Ministre des Finances jew rappreżentant awtorizzat, |
| — fid-Danimarka: | Skatteministeren jew rappreżentant awtorizzat, |
| — fil-Ġermanja: | Der Bundesminister der Finanzen jew rappreżentant awtorizzat, |
| — fil-Greċja: | Ο Υπουργός των Οικονομικών |
| — fi Spanja: | El Ministro de Economía y Hacienda jew rappreżentant awtorizzat, |
| — fi Franza: | Le Ministre chargé du budget jew rappreżentant awtorizzat, |
| — fl-Irlanda: | The Revenue Commissioners jew rappreżentant awtorizzat, |
| — fl-Italja: | Il Ministro delle Finanze jew rappreżentant awtorizzat, |
| — fil-Lussemburgu: | Le Ministre des Finances jew rappreżentant awtorizzat, |

— fl-Olanda: De Minister van Financiën jew rappreżentant awtorizzat,

— fil-Portugall: O Ministro das Finanças jew rappreżentant awtorizzat,

— fir-Renju Unit: The Commissioners of Inland Revenue jew rappreżentant awtorizzat.

2. Kwalunkwe terminu mhux definit fil-Konvenzjoni għandu, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor, ikollu s-sens li għandu taħt il-konvenzjoni dwar it-taxxa doppja bejn l-Istati konċernati.

## Sezzjoni II

## Il-Prinċipji li japplikaw għall-aġġustament ta' qligħ ta' intrapriżi assoċjati u għall-attribuzzjoni ta' qligħ għal stabbilimenti permanenti

### *Artikolu 4*

Il-prinċipji li ġejjin għandhom jiġu osservati fl-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni:

1) Fejn:

(a) intrapriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa direttament jew indirettament fl-amministrazzjoni, il-kontroll jew il-kapital ta' intrapriża ta' Stat Kontraenti ieħor,

jew

(b) l-istess persuni jipparteċipaw direttament jew indirettament fl-amministrazzjoni, il-kontroll jew il-kapital ta' intrapriża ta' Stat Kontraenti wieħed u intrapriża ta' Stat Kontraenti ieħor,

u fiż-żewġ każijiet kondizzjonijiet huma magħmula jew imposti bejn iż-żewġ intrapriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji tagħhom li huma differenti minn dawk li kieku jiġu magħmula bejn intrapriżi indipendenti, imbagħad kwalunkwe qligħ li, kieku mhux minħabba dawk il-kondizzjonijiet, kien jakkumula f'idejn waħda mill-intrapriżi, imma, minħabba dawk il-kondizzjonijiet, m'akkumulax b'dan il-mod, jista' jiġi inkluż fil-qligħ ta' dik l-intrapriża u intaxxat f'dan is-sens.

2) Fejn intrapriża ta' Stat Kontraenti tagħmel negozju fi Stat Kontraenti ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jinsab hemmhekk, għandhom jiġu attribwiti lil dak l-istabbiliment permanenti l-qligħ li jista' jiġi mistenni li jagħmel kieku kien intrapriża distinta u separata involuta fl-istess attivitajiet jew f'attivitajiet simili taħt l-istess kondizzjonijiet jew kondizzjonijiet simili u li għandha x'taqsam b'mod kompletament indipendenti ma' l-intrapriża li tagħha hija stabbiliment permanenti.

### *Artikolu 5*

Fejn Stat Kontraenti bi ħsiebu jaġġusta l-qligħ ta' intrapriża skond il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 4, għandu jinforma lill-intrapriża bl-azzjoni intiża fi żmien dovut u jagħtiha l-opportunità li tinforma lill-intrapriża l-oħra sabiex b'hekk tagħti lil dik l-intrapriża l-oħra l-opportunità biex hi mbagħad tinforma lill-Istat Kontraenti l-ieħor.

Madankollu, l-Istat Kontraenti li jkun qed jipprovdi tali informazzjoni m'għandux jiġi ostakolat milli jagħmel l-aġġustament propost.

Jekk wara li tali informazzjoni tkun ġiet mogħtija ż-żewġ intrapriżi u l-Istat Kontraenti l-ieħor jaqblu ma' l-aġġustament, l-Artikoli 6 u 7 m'għandhomx japplikaw.

## Sezzjoni III

## Ftehim Reċiproku u Proċedura ta' arbitraġġ

### *Artikolu 6*

1. Fejn intrapriża tikkunsidra li, fi kwalunkwe każ li tapplika għalih din il-Konvenzjoni, il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 4 ma ġewx osservati, tista', irrispettivament mir-rimedji previsti mil-liġi domestika ta' l-Istati Kontraenti konċernati, tippreżenta l-każ tagħha lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti ta' liema hi intrapriża jew li fih jinsab l-istabbiliment permanenti tagħha. Il-każ irid jiġi ppreżentat fi żmien tliet snin mill-ewwel notifika ta' l-azzjoni li tirriżulta jew li probabbli tirriżulta f'taxxa doppja fis-sens ta' l-Artikolu 1.

L-intrapriża għandha fl-istess ħin tinnotifika lill-awtorità kompetenti jekk Stati Kontraenti oħra jistgħu jkunu konċernati fil-każ. L-awtorità kompetenti għandha mbagħad mingħajr dewmien tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Kontraenti l-oħra.

2. Jekk l-ilment jidher li għandu bażi soda u jekk mhix kapaċi hi nnifisha tasal għal soluzzjoni sodisfaċenti, l-awtorità kompetenti għandha tistinka biex issolvi l-każ bi ftehim reċiproku ma' l-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Kontraenti ieħor konċernat, bil-ħsieb ta' l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja abbażi tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 4. Kwalunkwe ftehim reċiproku li jintlaħaq għandu jiġi implimentat irrispettivament minn kwalunkwe limiti ta' żmien preskritti mil-liġijiet domestiċi ta' l-Istati Kontraenti konċernati.

### *Artikolu 7*

1. Jekk l-awtoritajiet kompetenti konċernati ma jaslux għal ftehim li jelimina t-taxxa doppja msemmija fl-Artikolu 6 fi żmien sentejn mid-data li fiha l-każ kien sottomess l-ewwel darba lil waħda mill-awtoritajiet kompetenti skond l-Artikolu 6(1), għandhom jistabbilixxu kummissjoni konsultattiva bir-responsabbiltà li tagħti l-opinjoni tagħha dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in kwistjoni.

L-intrapriżi jista' jkollhom rikors għar-rimedji disponibbli għalihom taħt il-liġi domestika ta' l-Istati Kontraenti konċernati; madankollu, fejn il-każ ġie hekk sottomess lil qorti jew tribunal, it-terminu ta' sentejn imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinħadem mid-data li fih ġiet mogħtija s-sentenza tal-qorti ta' l-appel finali.

2. Is-sottomissjoni tal-każ lill-kummissjoni konsultattiva m'għandhiex tostakola lil Stat Kontraenti milli jibda jew ikompli proċedimenti ġudizzjarji jew proċedimenti għal pieni amministrattivi fir-rigward ta' l-istess kwistjonijiet.

3. Fejn il-liġi domestika ta' Stat Kontraenti ma tippermettix lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat biex jidderogaw mid-deċiżjonijiet tal-korpi ġudizzjarji tagħhom, il-paragrafu 1 m'għandux japplika sakemm l-intrapriża assoċjata ta' dak l-Istat ma tkunx ħalliet iż-żmien previst għal appell biex jiskadi, jew ma tkunx irtirat kwalunkwe tali appell qabel ma tkun ġiet mogħtija deċiżjoni. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex taffettwa l-appell jekk u sa fejn tirrelata ma' kwistjonijiet għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 6.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu bi ftehim reċiproku u bil-qbil ta' l-intrapriżi assoċjati konċernati jirrinunzjaw għal-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1.

5. Sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4 m'humiex applikati, id-drittijiet ta' kull waħda mill-intrapriżi assoċjati, kif stabbilit fl-Artikolu 6, m'għandhomx ikunu affettwati.

*Artikolu 8*

1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti m'għandhiex tkun obbligata tibda l-proċedura ta' ftehim reċiproku jew li tistabbilixxi l-kummissjoni konsultattiva msemmija fl-Artikolu 7 fejn proċedimenti legali jew amministrattivi rriżultaw f'sentenza finali li b'azzjonijiet li jagħtu lok għal aġġustament ta' trasferimenti ta' qligħ taħt l-Artikolu 4 waħda mill-intrapriżi konċernati tista' tiġi mogħtija piena serja.

2. Fejn proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi, mibdija bil-ħsieb ta' sentenza li b'azzjonijiet li jwasslu għal aġġustament ta' qligħ taħt l-Artikolu 4 waħda mill-intrapriżi konċernati setgħet tiġi mogħtija piena serja, qed jiġu mwettqa simultanjament ma' kwalunkwe mill-proċedimenti msemmija fl-Artikoli 6 u 7, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżommu l-proċedimenti msemmija l-aħħar sakemm il-proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi jkunu ġew konklużi.

*Artikolu 9*

1. Il-kummissjoni konsultattiva msemmija fl-Artikolu 7(1) għandha tikkonsisti fi, flimkien mal-President tagħha:

— żewġ rappreżentanti ta' kull awtorità kompetenti konċernata; dan in-numru jista' jiġi mnaqqas għal wieħed bi ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti;

— numru indaqs ta' persuni indipendenti ta' pożizzjoni għandhom jiġu maħtura bi ftehim reċiproku mil-lista ta' persuni msemmija fil-paragrafu 4 jew, fin-nuqqas ta' ftehim, bit-tlugħ bil-polza mill-awtoritajiet kompetenti konċernati.

2. Meta l-persuni indipendenti ta' pożizzjoni huma maħtura, għandu jiġi maħtur supplenti għal kull wieħed minnhom skond ir-regoli għall-ħatra tal-persuni indipendenti f'każ li l-persuni indipendenti huma ostakolati milli jwettqu d-doveri tagħhom.

3. Fejn tiġi mtella' l-polza, kull waħda mill-awtoritajiet kompetenti tista' toġġezzjona għall-ħatra ta' kwalunkwe persuna indipendenti partikolari ta' pożizzjoni fi kwalunkwe ċirkostanza miftehma minn qabel bejn l-awtoritajiet kompetenti konċernati jew f'waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

— fejn dik il-persuna hija parti minn jew qed taħdem f'isem waħda mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa konċernati;

— fejn dik il-persuna għandha, jew kellha, sehem kbir fi, jew hija jew kienet impjegata ta', jew konsulent għal, waħda mill-intrapriżi assoċjati jew kull waħda minnhom;

— fejn dik il-persuna ma toffrix garanzija suffiċjenti ta' oġġettività għar-risoluzzjoni tal-każ jew tal-każijiet li jridu jiġu deċiżi.

4. Il-lista ta' persuni indipendenti ta' pożizzjoni għandha tikkonsisti mill-persuni indipendenti kollha nominati mill-Istati Kontraenti. Għal dan il-għan kull Stat Kontraenti għandu jinnomina ħames persuni u għandu jinforma lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej b'dan.

Tali persuni jridu jkunu ċittadini ta' Stat Kontraenti u residenti fit-territorju li għalih tapplika din il-Konvenzjoni. Iridu jkunu kompetenti u indipendenti.

L-Istati Kontraenti jistgħu jagħmlu tibdiliet fil-lista msemmija fl-ewwel subparagrafu; għandhom jinfurmaw lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej b'dan mingħajr dewmien.

5. Ir-rappreżentanti u l-persuni indipendenti ta' pożizzjoni maħtura skond il-paragrafu 1 għandhom jeleġġu President minn fost dawk il-persuni ta' pożizzjoni fuq il-lista msemmija fil-paragrafu 4, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull awtorità kompetenti konċernata li toġġezzjona għall-ħatra tal-persuna ta' pożizzjoni hekk magħżula f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3.

Il-President irid ikollu l-kwalifiki meħtieġa biex jinħatar fl-ogħla pożizzjonijiet ġudizzjarji fil-pajjiż tiegħu jew ikun ġurist ta' kompetenza magħrufa.

6. Il-membri tal-kummissjoni konsultattiva għandhom iżommu sigrieta l-kwistjonijiet kollha li jsiru jafu bihom bħala riżultat tal-proċedimenti. L-Istati Kontraenti għandhom jadottaw dispożizzjonijiet xierqa biex jippenalizzaw kwalunkwe ksur ta' l-obbligi ta' segretezza. Għandhom, mingħajr dewmien, jinfurmaw lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej bil-miżuri meħuda. Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tinforma lill-Istati Kontraenti l-oħra.

7. L-Istati Kontraenti għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-kummissjoni konsultattiva tiltaqa' mingħajr dewmien ladarba jiġu referuti lilha każijiet.

*Artikolu 10*

1. Għall-finijiet tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 7, l-intrapriżi assoċjati konċernati jistgħu jipprovdu kwalunkwe informazzjoni, prova jew dokumenti li jidhrilhom li probabbilment ikunu ta' użu għall-kummissjoni konsultattiva biex tilħaq deċiżjoni. L-intrapriżi u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti konċernati għandhom jagħtu lok għal kwalunkwe talba magħmula mill-kummissjoni konsultattiva biex jipprovdu informazzjoni, prova jew dokumenti. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe tali Stat Kontraenti m'għandhomx ikunu taħt kwalunkwe obbligu:

(a) li jwettqu miżuri amministrattivi li jmorru kontra l-liġi domestika tiegħu jew il-prattika amministrattiva normali tiegħu;

(b) li jagħtu informazzjoni li ma tistax tinkiseb taħt il-liġi domestika tiegħu jew fil-prattika amministrattiva normali tiegħu;

jew

(ċ) li jagħtu informazzjoni li kieku tiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali, industrijali, professjonali jew ta' negozju, jew ta' proċess ta' kummerċ, jew informazzjoni li l-iżvelar tagħha ikun kuntrarju għall-politika pubblika (*ordre public*)

2. Kull waħda mill-intrapriżi assoċjati tista', fuq talba tagħha, tidher jew tkun rappreżentata quddiem il-kummissjoni konsultattiva. Jekk il-kummissjoni konsultattiva hekk titlob, kull waħda mill-intrapriżi assoċjati għandha tidher jew tkun rappreżentata quddiemha.

*Artikolu 11*

1. Il-kummissjoni konsultattiva msemmija fl-Artikolu 7 għandha tagħti l-opinjoni tagħha mhux iżjed minn sitt xhur mid-data li fiha l-kwistjoni kienet riferuta lilha.

Il-kummissjoni konsultattiva għandha tibbaża l-opinjoni tagħha fuq l-Artikolu 4.

2. Il-kummissjoni konsultattiva għandha tadotta l-opinjoni tagħha b'maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha. L-awtoritajiet kompetenti konċernati jistgħu jiftehmu dwar regoli ta' proċedura addizzjonali.

3. L-ispejjeż tal-proċedura tal-kummissjoni konsultattiva, għajr dawk magħmula mill-intrapriżi assoċjati, għandhom jinqasmu indaqs mill-Istati Kontraenti konċernati.

*Artikolu 12*

1. L-awtoritajiet kompetenti partijiet għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 7 għandhom, filwaqt li jaġixxu b'kunsens komuni abbażi ta' l-Artikolu 4, jieħdu deċiżjoni li telimina t-taxxa doppja fi żmien sitt xhur mid-data li fiha l-kummissjoni konsultattiva tat l-opinjoni tagħha.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu deċiżjoni li tiddevja mill-opinjoni tal-kummissjoni konsultattiva. Jekk ma jaslux għal ftehim għandhom ikunu obbligati li jaġixxu skond dik l-opinjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiftehmu li jippubblikaw id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, soġġetta għall-kunsens ta' l-intrapriżi konċernati.

*Artikolu 13*

Il-fatt li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Kontraenti, dwar it-taxxa ta' qligħ li jirriżulta minn transazzjoni bejn intrapriżi assoċjati, saru finali m'għandux jostakola rikors għall-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7.

*Artikolu 14*

Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, it-taxxa doppja ta' qligħ għandha tkun meqjusa bħala li hi eliminata jekk:

(a) il-qligħ huwa inkluż fil-komputazzjoni ta' qligħ taxxabbli fi Stat wieħed biss;

jew

(b) it-taxxa dovuta fuq dak il-qligħ fi Stat wieħed hija mnaqqsa b'ammont daqs it-taxxa dovuta fuqu fl-Istat l-ieħor.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 15*

Xejn f'din il-Konvenzjoni m'għandu jaffettwa t-twettiq ta' obbligi usa' fir-rigward ta' l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja fil-każ ta' aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati li jirriżulta minn konvenzjonijiet oħra li tagħhom l-Istati Kontraenti huma jew ser isiru partijiet jew mil-liġi domestika ta' l-Istati Kontraenti.

*Artikolu 16*

1. Il-firxa ta' applikazzjoni territorjali ta' din il-Konvenzjoni għandha tkun dik definita fl-Artikolu 227(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Din il-Konvenzjoni m'għandhiex tapplika:

— għat-territorji Franċiżi msemmija fl-Anness IV għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

— għall-Gżejjer Faroe u l-Groenlandja.

*Artikolu 17*

Din il-Konvenzjoni ser tiġi ratifikata mill-Istati Kontraenti. L-istrumenti ta' ratifika ser jiġu depositati fl-uffiċċju tas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 18*

Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara dak li fih l-istrument ta' ratifika huwa depożitat mill-aħħar Stat firmatarju li jieħu dak il-pass. Il-Konvenzjoni għandha tapplika għal proċedimenti msemmija fl-Artikolu 6(1) li huma mibdija wara d-dħul fis-seħħ tagħha.

*Artikolu 19*

Is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għandu jinforma lill-Istati Kontraenti dwar:

(a) id-depożitu ta' kull strument ta' ratifika;

(b) id-data li fiha din il-Konvenzjoni ser tidħol fis-seħħ;

(ċ) il-lista ta' persuni indipendenti ta' pożizzjoni maħtura mill-Istati Kontraenti u kwalunkwe tibdiliet fiha skond l-Artikolu 9(4).

*Artikolu 20*

Din il-Konvenzjoni hija konkluża għal perijodu ta' ħames snin. Sitt xhur qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, l-Istati Kontraenti ser jiltaqgħu biex jiddeċiedu dwar l-estensjoni ta' din il-Konvenzjoni u kwalunkwe miżura oħra rilevanti.

*Artikolu 21*

Kull Stat Kontraenti jista', fi kwalunkwe ħin, jitlob għal reviżjoni ta' din il-Konvenzjoni. F'dak il-każ, konferenza biex tiġi riveduta l-Konvenzjoni ser tiġi mlaqqa' mill-President tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 22*

Din il-Konvenzjoni, imfassla f'oriġinali uniku fil-lingwa Daniża, Olandiża, Ingliża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Irlandiża, Taljana, Portugiża u Spanjola, bl-għaxar testi ugwalment awtentiċi, għandha tiġi depositata fl-arkivji tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej. Is-Segretarju-Ġenerali għandu jittrasmetti kopja awtentikata lill-Gvern ta' kull Stat Firmatorju.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritta Plenipotenzjarji ffirmaw din il-Konvenzjoni.

## ATT FINALI

IL-PLENIPOTENZJARJI TAL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

f'laqgħa fi Brussell, fit-tlieta u għoxrin jum ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u disgħin, għall-firma tal-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni ma' l-aġġustament ta' qligħ ta' intrapriżi assoċjati,

fl-okkażjoni ta' l-iffirmar ta' din il-Konvenzjoni:

(a) adottaw id-dikjarazzjonijiet konġunti li ġejjin mehmuża ma' l-Att Finali:

— Id-Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 4 (1)

— Id-Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 9 (6)

— Id-Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 13;

(b) ħadu nota tad-Dikjarazzjonijiet unilaterali li ġejjin mehmuża ma' dan l-Att Finali:

— Id-Dikjarazzjoni ta' Franza u tar-Renju Unit dwar l-Artikolu 7,

— Id-Dikjarazzjonijiet Individwali ta' l-Istati Kontraenti dwar l-Artikolu 8,

— Id-Dikjarazzjoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar l-Artikolu 16.

## DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

### Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 4 (1)

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 (1) għandhom ikopru ż-żewġ każijiet fejn transazzjoni hija mwettqa direttament bejn żewġ intrapriżi legalment distinti kif ukoll każijiet fejn transazzjoni hija mwettqa bejn waħda mill-intrapriżi u l-istabbiliment permanenti ta' l-intrapriża l-oħra li tinsab f'pajjiż terz.

---

### Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 9 (6)

L-Istati Membri għandhom ikunu kompletament liberi fir-rigward tan-natura u l-firxa ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet xierqa li huma jadottaw biex jippenalizzaw kwalunkwe ksur ta' l-obbligi ta' segretezza.

---

### Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 13

Fejn, f'wieħed jew iżjed mill-Istati Kontraenti konċernati, id-deċiżjonijiet dwar it-taxxa li tati lok għall-proċeduri msemmija fl-Artikoli 6 u 7 ġew alterati wara li l-proċedura msemmija fl-Artikolu 6 tkun ġiet konkluża jew wara li d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 12 tkun ġiet meħuda u fejn tirriżulta t-taxxa doppja fis-sens ta' l-Artikolu 1, filwaqt li jittieħed kont ta' l-applikazzjoni tar-riżultat ta' dik il-proċedura jew dik id-deċiżjoni, l-Artikoli 6 u 7 għandhom japplikaw.

---

## DIKJARAZZJONIJIET UNILATERALI

### Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 7

Franza u r-Renju Unit jiddikjaraw li huma ser japplikaw l-Artikolu 7 (3).

---

### Dikjarazzjonijiet Individwali ta' l-Istati Kontraenti dwar l-Artikolu 8

*Il-Belġju*

It-terminu "piena serja" jfisser piena kriminali jew amministrattiva f'każijiet:

— ta' reat ta' liġi komuni mwettqa bl-għan ta' evażjoni tat-taxxa,

— jew ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tat-taxxa fuq id-dħul jew ta' deċiżjonijiet meħuda fl-implimentazzjoni tagħhom, imwettqa b'intenzjoni ta' frodi jew bl-intenzjoni li jiġi kkawżat dannu.

*Id-Danimarka*

Il-kunċett ta' "piena serja" jfisser piena għall-ksur intenzjonali ta' dispożizzjonijiet ta' Liġi Kriminali jew ta' leġislazzjoni speċjali f'każijiet li ma jistgħux jiġu regolati b'mezzi amministrattivi.

Il-każijiet ta' ksur ta' dispożizzjonijiet tal-liġi tat-taxxa jistgħu, bħala regola ġenerali, ikunu regolati b'mezzi amministrattivi fejn huwa kkunsidrat li l-ksur mhux ser jinvolvi kastig ikbar minn multa.

*Il-Ġermanja*

Ksur tal-liġijiet tat-taxxa punibbli b'"piena serja" huwa kkostitwit minn kwalunkwe ksur tal-liġijiet tat-taxxa penalizzat b'detenzjoni, multi kriminali jew amministrattivi.

*Il-Greċja*

Taħt il-leġislazzjoni Griega li tirregola t-taxxa, intrapriża tista' teħel "pieni ħorox":

1) Jekk tonqos milli tissottometti dikjarazzjonijiet, jew tissottometti dikjarazzjonijiet mhux korretti, fir-rigward ta' taxxi, imposti jew kontribuzzjonijiet li jridu jinżammu u jiġu mħallsa lill-Istat taħt id-dispożizzjonijiet eżistenti, jew fir-rigward tat-taxxa fuq il-valur miżjud, it-taxxa fuq it-ternover jew it-taxxa speċjali fuq merkanzija ta' lussu, safejn l-ammont totali tat-taxxi, imposti u kontribuzzjonijiet ta' hawn fuq, li suppost ġew iddikjarati u mħallsa lill-Istat bħala riżultat ta' kummerċ jew attivitajiet oħra mwettqa matul perijodu ta' sitt xhur jaqbeż l-ammont ta' sitt mitt elf (600 000) drachmae jew miljun (1 000 000) drachmae matul perijodu ta' sena ta' kalendarju.

2) Jekk tonqos milli tissottometti dikjarazzjoni ta' taxxa fuq id-dħul, safejn it-taxxa dovuta fir-rigward tad-dħul mhux dikjarat hija iktar minn tlett mitt elf (300 000) drachmae.

3) Jekk tonqos milli tagħti d-dettalji tat-taxxa mniżżla fil-Kodiċi dwar id-Data tat-Taxxa.

4) Jekk tagħti dettalji kif imsemmi taħt il-każ 3 preċedenti, li mhux korretti fir-rigward tal-kwantità jew il-prezz jew il-valur ta' unità, safejn in-nuqqas ta' preċiżjoni tirriżulta f'diskrepanza li taqbeż l-għaxra fil-mija (10 %) ta' l-ammont totali jew tal-valur totali tal-merkanzija, il-proviżjon ta' servizzi jew il-kummerċ in ġenerali.

5) Jekk tonqos milli żżomm b'mod preċiż il-kotba u r-rekords meħtieġa mill-Kodiċi dwar id-*Data* tat-Taxxa, safejn dak in-nuqqas ta' preċiżjoni jkun ġie innotat fil-kors ta' verifika regolari, li r-riżultati tagħhom ġew konfermati b'risoluzzjoni amministrattiva tad-diskrepanza jew minħabba li l-perijodu permess għal appell skada jew bħala riżultat ta' deċiżjoni definitiva minn tribunal amministrattiv, sakemm matul il-perijodu ta' l-amministrazzjoni verifikata d-diskrepanza bejn id-dħul gross u d-dħul dikjarat huwa iżjed minn għoxrin fil-mija (20 %) u fi kwalunkwe każ mhux inqas minn miljun (1 000 000) drachmae.

6) Jekk tonqos milli tosserva l-obbligu li żżomm kotba u rekords kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi dwar id-*Data* tat-Taxxa.

7) Jekk toħroġ irċevuti foloz jew fittizzji - jew hi stess tiffalsifika - irċevuti għall-bejgħ ta' merkanzija jew il-forniment ta' servizzi jew kwalunkwe dettalji oħra ta' taxxa kif imsemmi fil-każ 3 hawn fuq.

Dokument tat-taxxa huwa meqjus bħala falz jekk ġie mtaqqab jew stampat fi kwalunkwe mod mingħajr ma l-awtentikazzjoni xierqa tkun ġiet imdaħħla fil-kotba rilevanti ta' l-awtorità kompetenti tat-taxxa, safejn in-nuqqas li ssir tali partita ikun seħħ bl-għarfien li tali awtentikazzjoni hija meħtieġa għad-dokument tat-taxxa. Dokument tat-taxxa huwa wkoll meqjus falz jekk il-kontenut u dettalji oħra ta' l-oriġinali jew tal-kopja huma differenti minn dawk li huma reġistrati fuq il-kontromarka ta' dak id-dokument.

Dokument tat-taxxa huwa meqjus bħala fittizzju jekk ġie maħruġ għal transazzjoni jew parti minn transazzjoni, trasferiment jew kwalunkwe raġuni oħra mhux reġistrata fit-total jew għal transazzjoni mwettqa minn persuni differenti minn dawk irreġistrati fid-dokument tat-taxxa.

8) Jekk hi konxja ta' l-intenzjoni ta' l-azzjoni meħuda u tikkollabora bi kwalunkwe mod fil-produzzjoni ta' dokumenti tat-taxxa foloz jew hi konxja li d-dokumenti huma foloz jew fittizzji u tikkollabora bi kwalunkwe mod fil-ħruġ tagħhom jew taċċetta dokumenti tat-taxxa foloz, fittizzji jew falsifikati bl-intenzjoni li taħbi materjal rilevanti għat-taxxa.

*Spanja*

It-terminu "pieni serji" jinkludi pieni amministrattivi għal ksur tat-taxxa serju, kif ukoll pieni kriminali għal reati mwettqa fir-rigward ta' l-awtoritajiet tat-taxxa.

*Franza*

It-terminu "pieni serji" jinkludi pieni kriminali u pieni tat-taxxa bħal, per eżempju, pieni għal nuqqas li jiġi magħmul prospett tat-taxxa wara li tasal taħrika, għal nuqqas ta' bonafidi, għal prattiċi bi frodi, għal oppożizzjoni għal inspezzjoni tat-taxxa, għal pagamenti jew distribuzzjoni sigrieta, jew għal abbuż tad-drittijiet.

*L-Irlanda*

"Pieni serji" għandha tinkludi pieni għal:

(a) nuqqas li jiġi sottomess prospett tat-taxxa,

(b) prospett tat-taxxa mhux korrett magħmul bi frodi jew b'negliġenza,

(ċ) nuqqas li jinżammu rekords xierqa,

(d) nuqqas milli dokumenti jew rekords jitpoġġew għad-dispożizzjoni ta' inspezzjoni,

(e) tfixkil ta' persuni milli jeżerċitaw setgħat statutorji,

(f) nuqqas milli jiġi notifikat il-fatt li taxxa hija dovuta,

(g) stqarrija ta' dikjarazzjoni falza biex tinkiseb allowance.

Id-dispożizzjonijiet leġislattivi li jirregolaw dawn ir-reati, fit-3 ta' Lulju 1990, huma kif ġej:

— Il-Parti XXXV ta' l-Att tat-Taxxa fuq id-Dħul, 1967;

— Is-Sezzjoni 6 ta' l-Att tal-Finanzi, 1968;

— Il-Parti XIV ta' l-Att tat-Taxxa tal-Korporazzjoni, 1976;,

— Is-Sezzjoni 94 ta' l-Att tal-Finanzi, 1983.

Kwalunkwe dispożizzjonijiet sussegwenti li jissostitwixxu, jemendaw jew jaġġornaw il-kodiċi penali jkunu wkoll inklużi.

*L-Italja*

It-terminu "pieni serji" jfisser pieni stabbiliti għal atti illeċiti, fis-sens tal-liġi domestika, li jikkostitwixxu reat tat-taxxa.

*Il-Lussemburgu*

Il-Lussemburgu jikkunsidra bħala "piena serja" dak li l-Istat Kontraenti l-ieħor jikkunsidra li hu hekk għall-finijiet ta' l-Artikolu 8.

*L-Olanda*

It-terminu "piena serja" jfisser piena imposta minn imħallef għal kwalunkwe azzjoni, imwettqa intenzjonal-ment, li hija msemmija fl-Artikolu 68 tal-Liġi Ġenerali dwar it-taxxa.

*Il-Portugall*

It-terminu "pieni serji" jinkludi pieni kriminali kif ukoll il-pieni tat-taxxa oħra applikabbli għal ksur imwettqa bl-intenzjoni li ssir frodi jew li għalihom il-multa applikabbli hija ta' ammont li jaqbeż il-1 000 000 (miljun) escudo.

*Ir-Renju Unit*

Ir-Renju Unit ser jinterpreta t-terminu "piena serja" bħala li tinkludi sanzjonijiet kriminali u sanzjonijiet amministrattivi fir-rigward ta' forniment negliġenti jew bi fordi ta' kontijiet, pretensjonijiet jew prospetti tat-taxxa mhux korretti għal finijiet tat-taxxa.

## Id-Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar l-Artikolu 16

Il-gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jirriserva d-dritt li jiddikjara, meta jkun qed jippreżenta l-istrument tiegħu ta' ratifika li l-Konvenzjoni tapplika wkoll għal-Land ta' Berlin.